MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-21 ta' April, 2010

Numru. 1104/2008

**PULIZIJA
SPETTUR JAMES GRECH
VS
JOSEPH ZAMMIT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Zammit, ta' 50 sena, iben Michael u Catherina nee' Scerri, imwieled Qormi 28 fis-6 ta' Awissu 1958, residenti 31, Triq l-Iljun, il-Furjana u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 543458(M).

Illi huwa akkuzat talli nhar il-Hadd 9 ta' Novembru 2008, fil-Floriana ghall-habta ta' 4:15p.m:

1. Ikkometta serq ta' kartiera li kien fiha 20 euro, tlett credit cards u diversi dokumenti personali minn gewwa

vettura Mitsubishi Pajero Junior numru ta' registrazzjoni SAN 313, ghad-detriment ta' Cliffton Galea, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;
2. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli,u cioe hsara fl-imsemmija vettura Mitsubishi Pajero Junior ghad-dannu ta' Victor Galea liema hsara tammonta ghal izjed minn 23.29 euro izda ma tiskorrix il-116.47 euro;

Barra minn dan akkuzat ukoll talli rrenda recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.13) u dak ta' l-imputat (a fol.4) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat datat 21 ta' April 2010;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Joseph Zammit**, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 261, 263, 264, 271, 278(2), 325, 49, 50, u 31 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundannah ghal sena prigunerija**.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-imputat ammetta fi stadju tardiv tal-proceduri u mehud in konsiderazzjoni l-fedina rafrettarja ta’ l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------